**3 ta' Ġunju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Paul Abela noe

*versus*

George Farrugia, et

**Danni — Responsabilità — Merkanzija — Skarikar ta' — Gang.**

*L-individwi li jiġu mqabbda biex jiskarikaw merkanzija tista' ssofri minħabba t-traskuraġni tagħhom.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine, wara li ppremetta illi waqt li l-konvenuti kienu qegħdin jiskarikaw akkont tiegħu mill-Moto-navi "Murax" partita "asbestos corrugated sheets" li kienet ġiet importata f'Malta fix-xahar ta' Ottubru, 1959 l-istess konvenuti bi ħtija tagħhom, b'traskuraġni, b'imperizja u għal kull raġuni oħra li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża immutabbli għall-istess konvenuti, ik-kawżawlu danni billi ġew distrutti u kienu assolutament inservibbli tmienja u erbgħin (48) folja asbestos tal-valur ta' sbatax-il xelin u ħames soldi (17/5d) għal kull folja b'kollox wieħed u erbgħin lira, sittax-il xelin (£41.16.0d) talab li — wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun — il-konvenuti jew min minnhom jiġu kundannati iħallsuh fil-kwalità ndikata dika s-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qorti anke, jekk hemm bżonn, permezz ta' periti li jiġu nominati għal dana l-iskop — per saldu tad-danni kawżati mill-istess konvenuti bil-ħtija, imprudenza u traskuraġni u għal raġuni u kawża oħra li tir-

riżulta waqt it-trattazzjoni mputabbli għall-istess konvenuti waqt ix-xogħol ta' skarikazzjoni, li huma kienu qegħdin jagħmlu akkont tal-attur, għall-partita "asbestos corrugated sheets" mill-Motonavi "Murex" fix-xahar ta' Ottubru, 1959; bl-imgħax legali mill-preżentata ta' dana l-att u bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut George Farrugia li biha qal li, kuntrarjament għal dak li jinsab allegat fiċ-ċitazzjoni, huwa uża l-attenzjoni u għaqal kollu fix-xogħol tiegħu bħala l-"ganger"; kif jiġi pruvat, il-ħsara saret għaliex it-tilari li ġew provvduti mill-attur ma kienux adatti għax-xogħol kif hu avża lill-attur qabel beda x-xogħol;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħra li biha qalu li huma ma kellhom ebda ħtija fil-ħsarat li minnhom jilmenta l-attur nomine għaliex ma naqsux milli jużaw l-attenzjoni u d-diliġenza kollha neċessarja fil-ħatt tal-merkanzija appartenenti lill-attur nomine;

Rat id-degrieti tagħha, diversament presjeduta, wieħed tal-erbgħa (4) ta' Diċembru, 1959, li bih ġie nominat perit tekniku biex jirrelata jekk il-konvenuti humiex responsabbli tad-danni u f'każ affermativ, jillikwida l-ammont minnhom dovut u jagħmel kull osservazzjoni li għandha x'taqsam mal-każ; u l-ieħor tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar, 1960 li bih ġie sostitwit dana l-perit bl-istess inkariku, fakoltajiet u obbligi fid-degriet preċedenti;

Rat ir-relazzjoni peritali preżentata fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru, 1962 u maħlufa fid-dsatax (19) ta' Novembru, 1962, kif ukoll il-verbali tas-seduti miżmuma mill-perit u d-dokumenti lilu eżibiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti preżentati dik tal-konvenuti fit-tnejn (2) ta' Jannar, 1963 u dik ta'

l-attur nomine fid-dsatax (19) ta' April, 1963, kif ukoll l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-provi mismugħa u skond ma qal il-perit fir-relazzjoni, l-attur nomine fil-fatt inkariga għall-iskarikazzjoni mhux lill-konvenuti iżda lil ċertu John Attard li għalhekk ipprovda l-mezzi meħtieġa għall-istess skarikazzjoni li kienu jikkonsistu f'tilari li a sua volta hu ġieb mingħand ħaddieħor; il-konvenuti kienu fil-fatt il-"gang" li skond is-sistema eżistenti fil-port kien imisshom jew f'kull każ ġew imsejħin biex jagħmlu x-xogħol bil-mezzi hekk forniti; u huma kienu tenuti li jagħmlu skond ma jgħidilhom l-istess Attard. Intant però l-attur nomine ma għamel ebda domanda kontra dana Attard, li nġieb biss bħala xhud, u qiegħed ifittex lill-konvenuti, bħala sid il-merkanzija li sofriet ħsara waqt l-istess skarikazzjoni effettwata mill-konvenuti kif imsemmi, u a bażi tat-talba tiegħu jqiegħed in-negliġenza tal-konvenuti stess. Hu evidenti għalhekk li, għall-finijiet ta' dina l-kawża u salvi r-relazzjonijiet bejn l-attur nomine u l-imsemmi Attard f'sedi oħra, jekk ikun il-każ, l-attur nomine jrid jitqies bħala li għamel hu stess kull ma għamel dana Attard fl-esekuzzjoni tax-xogħol lilu kommess minnu u partikolarment dwar il-mezzi forniti u l-istruzzjonijiet mogħtija; li għandu jsir hekk jidher li jaqblu wkoll il-kontendenti mill-eċċezzjonijiet li ngħataw, min noti li ppreżentaw u anke mill-fatt li ma saret ebda talba għas-sejħa tal-istess Attard fil-kawża;

Illi l-perit wasal għall-konklużjoni li l-konvenuti huma responsabbli tal-ħsara lamentata mill-attur nomine u llikwida

l-istess ħsara fl-ammont ta' ħamsa u tletin lira, tnax-il xelin u tliet soldi (£35. 12.3d); kwantu għall-grad ta' responsabbilità bejn il-konvenuti semma li ma tistax tiġi allokata lil wieħed iżjed mill-ieħor, u lkoll huma responsabbli kollettivament. L-attur nomine qabel ma dawna l-konklużjonijiet peritali (anke fil-likwidazzjoni tad-danni li huma f'ammont iżgħar minn dak ta' wieħed u erbgħin lira, sittax-xelin (£41.16.0d) imsemmi fil-premessi taċ-ċitazzjoni għalkemm fit-talba proprja jissemma ammont li jiġi likwidat); il-konvenuti, da parti tagħhom, ma semmew xejn fuq l-ammont likwidat però dwar ir-responsabiltà qalu li ċ-ċirkostanzi ma jiġġustifikawx il-konklużjoni tal-perit u, bla preġudizzju ta' dina r-responsabbilità qalu li l-istess ma tinċidix fuq il-konvenuti kollha;

Illi l-Qorti ssibha diffiċli biex ma taqbilx mal-konklużjoni peritali li n-nies tax-xogħol kienu responsabbli għad-danni sofferti mill-attur; infatti għalkemm għandu jiġi ritenut li min iħaddem lin-nies għandu jipprovdihom b'mezzi adatti għax-xogħol li jqabbadhom jagħmlulu (u dan anke b'mod li huma stess ma jkunux jistgħu jweġġgħu) il-mezzi forniti, kif qal il-perit, kienu tali, li użati bl-għaqal, setgħu jservu għax-xogħol in kwistjoni; id-diliġenza rikjesta biex jiġu hekk użati ma kienetx iżjed mill-ordinarja la darba l-attenzjoni ta' min kellu jużahom ġiet attirata minn qabel, sia pure b'mod aktarx ġeneriku, għad-diffikoltà li jippreżenta l-istess użu u l-format stess tal-mezzi kien ulterjorment jindika l-prudenza li kellha tittieħed fl-istess użu: il-konvenuti, wieħed għandu jiftakar, huma nies li, imħabba s-sengħa tagħhom, suppost jifhmu f'dan ix-xogħol u kwindi jaraw id-diffikoltà li jista' jippreżenta. Li dana kien hekk jirriżulta mill-fatt rilevat mill-Perit li, wara l-inċident, u meta sar kif fil-bidu ssuġġerixxa li jsir l-imsemmi Attard, u jidher li rrepeta wkoll il-konvenut Farrugia lill-konvenuti Fabri, Saliba, Portelli, Muscat, Attard u Grima, li kienu fl-istiva, ma ġara xejn u l-merkanzija ġiet kollha skarikata f'ħin normali; veru li, kif ingħad fin-nota tal-konvenuti,

kienet ġrat ħsara f'żewġ okkażjonijiet oħra però, la darba ma saret ebda prova u aċċertament tar-raġuni għaliex ġraw dawk l-inċidenti, ebda argument ma jista' jinġibed kontra l-adattabilità tal-mezzi użati billi l-inċidenti setgħu kienu dovuti għall-inġurja tan-nies li użawhom jew għal xi raġuni speċjali li tispjega l-istess inċidenti; u verament, *fil-każ preżenti*, la darba, kif intqal, ebda inċident ieħor ma nqala meta l-iskarikazzjoni pproċediet bil-mod ġa qabel indikat minn Attard u ripetut minn Farrugia, huwa iżjed *il-każ li l-konvenuti, li kienu responsabbli għat-tqegħid tal-merkanzija* fuq it-tilari, jindikaw huma r-raġunijiet speċjali għaliex dik l-issatta partikolari ġralha li ġralha a differenza mill-oħrajn kollha meta ma ġara xejn ħażin u l-mezzi użati kienu l-istess. Ebda ċirkostanza speċjali ma ġiet additata minnhom jew min xi ħaddieħor, l-anqas bħala possibli jew probabbli; fin-nota tal-konvenuti hemm biss imsemmi li l-merkanzija kellha tiġi ekwilibrata tant sew għaliex differentement l-iċken moviment kien jista' jiskwilibraha hija u tiela bil-"crane" jew tinġibed bil-"guyrope"; irriżulta però, kuntrarjament għal dina s-sottomissjoni, li l-issata partikolari telgħet mill-ewwel sbilanċjata u hu appuntu f'dana l-fatt li din kienet esenzjalment differenti mill-oħrajn (speċjalment dawk li ppreċedewha): hu proprju f'dana r-rigward li l-aktar attenzjoni kienet meħtieġa da parti tan-nies *li kienu iqegħduha fuq it-tilari* u biex iqegħduha hekk sew ma jidhirx li kienet meħtieġa l-attenzjoni straordinarja sottomessa fin-nota tal-konvenuti; din tidher li kienet iċ-ċirkostanza li kienet *il-kawża tal-fatturi l-oħra li, skond il-perizja, ikkontribwew* biex il-merkanzija tiżżerżaq minn fuq it-tilari u taqa' fl-istiva u tikkaġuna l-ħsara riżultata; hu naturali infatti li piż imqiegħed sbilanċjat itendi biex imexxi ħaġa li m'hiex soda (kif kienu l-bragi, u dawn kienu jidhru li kienu hekk) kif hu wkoll naturali li minn jisma għajjat jinħasad u jaġixxi ftit bruskament apparti milli wieħed jaġixxi hekk, ċioè b'għaġla, meta jaħseb li jista' jwaqqaf kawża li tkun sejra tikkaġuna xi ħsara u bl-ideja li jevita dina l-ħsara;

Illi taħt dawna ċ-ċirkostanzi l-Qorti ssib li, in vista tax-xogħol divers magħmul mill-konvenuti, mhux huma lkoll għandhom jiġu ritenuti responsabbli tal-ħsara sofferta mill-attur nomine iżda dawk biss li kienu fl-istiva u kienu għalhekk fid-dover li jaraw li l-merkanzija titqiegħed sew fuq it-tilari provvduti dawna lkoll imxew ħażin għalkemm mhux dolożament; però ma jistax jingħad f'liema miżura għamlu l-ħsara li rriżultat u għalhekk din ma tistax titqassam bejniethom f'dina l-kawża. Il-"ganger" ċioè l-konvenut Farrugia, jirriżulta li għamel id-dover tiegħu sew u ebda ħtija ma tirriżulta fil-"winchman", ċioè l-konvenut Galea, u f'dak inkarigat jiġbed il-"guyrope", cioè l-konvenut Borg, u dawn għalhekk ma kkontribwewx għall ħsara u m'għandhomx ibatu ebda sehem minnha; f'dana s-sens hemm wkoll sottomissjoni fin-nota tal-konvenuti; veru li l-konvenuti lkoll flimkien ffurmaw "gang" u bħala tali kienu qegħdin jiskarikaw anke l-merkanzija in kwistjoni; la darba però hu possibbli li wieħed jiddistingwi xogħol ta' wieħed minn ta' ieħor, u l-konnessjoni ta' dan mar-riżultat li ġara, ma jkunx sew li wieħed ma jiddistingwix ir-responsabilità ndividwali li toħroġ mix-xogħol ta' kull wieħed u l-mod kif esegwih;

Illi għal dak li jirrigwarda l-ammont tad-danni, m'hemmx raġuni biex wieħed ivarja dak li ssottometta l-Perit ġudizzjarju.

Għal dawna l-motivi u dawk tal-perit sa fejn kompatibbli mal-istess;

Il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuti Fabri, Saliba, Portelli, Muscat, Attard u Grima u tikkundanna lil dawn iħallsu lill-attur nomine, solidalment bejniethom, is-somma ta' ħamsa u tletin lira, tnax-il xelin u tliet soldi (£35.12.3d) in linea tad-danni mitluba fiċ-ċitazzjoni, bl-imgħax mil-lum, u tillibera lill-konvenuti l-oħrajn, Farrugia, Galea u Borg mill-istess domandi. L-ispejjeż

fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jitħallsu terz ($\frac{1}{3}$) mill-attur nomine u żewġ terzi ($\frac{2}{3}$) mis-sitt konvenuti misjuba responsabbli flimkien — salvi d-drittijiet ta' dawna ta' l-aħħar reċiprokament fir-relazzjonijiet interni bejniethom.